**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 25 ta' Marzu 2021**

**<u>Rikors nru: 117/2021 AGV ;</u>**

**AB u CDE**

**Vs**

**X**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors kongunt tar-rikorrenti, datat 18 ta' Marzu 2021, fejn esponew bir-rispett u kkonfermaw;**

1. **Illi** l-partijiet zzewggu nhar it- 28 ta' Lulju 1990, u dan kif jirrizulta mill-anness certifikati taz-zwieg taghhom (Dok. A);
2. Illi minn daz-zwieg taghhom twideled F fis- 16 ta' Jannar 1991, u ghalhekk illum huwa adult u indipedenti.

3. Illi l-partijiet issperaw permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Ann Fenech Adami tat- 8 ta' Jannar 1998 (Kopja hawn anness u mmarkata Dok B);
4. Illi fl-imsemmi kuntratt, il-partijiet kienu rrinunzjaw mid-dritt taghhom li jitolbu u jottjenu manteniment minghand xulxin, filwqqt li llum l-ebda manteniment ma huwa dovut ghall-wild Kurt, stante li llum huwa adult u indipedenti;
5. Illi m' hemm ebda prospett regenvoli ta' rikonciljazzjoni anka l-ghaliex llum il-gurnata z-zewg partijiet ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;
6. Illi dal-fatti hawn fuq imsemijja jissodisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mill-ligi ghall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligjiet ta' Malta.

**Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex;**

a. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, ai termini tal-artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-ligjiet ta' Malta.
b. Tordna lir-registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien hekk prefiss minn din l-Onorabbli Qorti javza lid-direttur tar-registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-registru Pubbliku.

Dana taht kull provvediment iehor li l-istess jidirlha li hu xieraq u opportun.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**